*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,706, 8 ta' Frar, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 48 tal-2011**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 504)

### Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħlasijiet ta' l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 60, 61, 79 u 80 ta' l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim Ministru u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamlu r-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** (a) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħlasijiet ta' l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2010 dwar Ħlasijiet ta' l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 356 tal-2010.

(b) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fis-16 ta' Lulju, 2010.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Is-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "fi żmien tletin ġurnata mid-data tal-kont" għandhom jidħlu l-kliem "sat-28 ta' Frar 2011"; u

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "fi żmien tletin ġurnata mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "sat-28 ta' Frar 2011".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira ta' "area ta' l-art " għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "*area* ta' l-art" tfisser:

(a) għal skopijiet residenzjali, l-area totali ta' art fi ħdan bini stabbiliti b'kejl tal-bini mill-estern, li tinkludi l-ħxuna tal-ħitan esterni u ta'nofs il-ħxuna tal-ħitan diviżorji jew ta' terzi, u tinkludi: kull kamra li tisporġi 'il barra, kull taraġ, *lift*, xaftijiet, btieħi interni, verandi, terazzini miftuħa, gallariji, skond il-kejl tal-bini f'kull livell; kmamar tal-bejt; terrazzini furmati fil-livell tal-bjut meta dawn jappartjenu lill *penthouses* jew lil xi struttura tal-bejt akbar minn 36m2 (esklużi l-*washrooms* li jkunu jservu għall-numru ta' appartamenti flimkien), btieħi interni, btieħi ta' wara, ġonna fuq quddiem, ġonna fil-proprjetà, rigress impost, fil-livell ta' taħt; u strutturi oħra fi ħdan il-konfini tas-sit; sakemm ma jkunx speċifikament stipulati fi ħdan dawn ir-regolamenti; u

(b) għal skopijiet mhux residenzjali, l-area totali ta' art fi ħdan bini stabbiliti b'kejl tal-bini estern, li tinkludi l-ħxuna tal-ħitan esterni u ta' nofs il-ħxuna tal-ħitan diviżorji jew ta' terzi, u tinkludi: kull kamra li tisporġi 'il barra, kull taraġ, *lift*, xaftijiet, btieħi interni, verandi, terazzini miftuħa, skond il-kejl tal-bini f'kull livell; faċilitajiet intiżi sabiex jilqgħu impjanti; terrazzini furmati fil-livell tal-bjut li jkollhom xi struttura akbar minn $36m^2$ (esklużi l-faċilitajiet intiżi sabiex jilqgħu impjanti); gallariji; tined u spazji oħra, inkluż kull spazju miftuħ, li jintuża għal skopijiet kummerċjali:

Iżda il-vojt li jkun tħalla fil-livell intermedju m'għandux jitqies fil-kalkolu ta' l-area ta' l-art:

Iżda wkoll bitħa interna m'għandhiex titqies fil-kalkolu ta' l-*area* ta' l-art fil-livell ta' fuq, meta il-qjies tagħha jkun jeċċedi l-*area* indikata f'din it-tabella:

| Numru ta' sulari | Area |
|---|---|
| 1 | $8m^2$ |
| 2 | $8m^2$ |
| 3 | $9.6m^2$ |
| 4 | $11.2m^2$ |
| 5 | $12.8m^2$ |
| Sulari Ulterjuri | 8 + [(Numru ta' sulari – 2) x 1.6]; |
| | |

(b) minnufih wara it-tifsira ta' "impjant u makkinajru" għandha tidħol it-tifsira li ġejja::

" "kategorija soċjali/kulturali/sportiva/edukattiva/ċaqlieq meħtieġ" tfisser u għandha tkun biss limitata għal żvilupp li jirrigwarda:

(a) sptarijiet/djar tal-kura;

(b) istituzzjonijiet residenzjali;

(ċ) postijiet li jintużaw għall-qima pubblika jew tagħlim reliġjuż jew attivitajiet soċjali jew rekreattivi ta' entità religjuża;

(d) istituzzjonijiet reliġjużi;

(e) mużewijiet;

(f) libreriji pubbliċi;

(g) każini soċjali / binjiet ta' soċjetajiet (li ma jinkludux xi Uzu ta' Klassi 6 bars, ristoranti);

(h) strutturi ta' faċilitajiet sportivi, jew strutturi anċillari, eskluż l-użu ta' Klassi 6, li ma jkunux parti minn żvilupp kummerċjali, u fejn l-applikant ikun kunsill lokali, il-Kunsill Malti ghall-iSport jew entità reġistrata mal-Kunsill Malti ghall-iSport; jew

(i) żvilupp li jkun meħtieġ biex isir ċaqlieq minħabba xi ordni tal-Gvern jew ta' xi aġenzija jew entità tal-Gvern;";

(ċ) minnufih wara it-tifsira "razzett tal-bhejjem" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "razzett-dar (*farmhouse*)" tfisser abitazzjoni għal familja waħda użata biex joqgħod fiha bidwi reġistrat bħala tali;"; u

(d) minflok it-tifsira "twaqqiegħ ta' bini" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "twaqqiegħ ta' bini jew struttura" tfisser it-twaqqiegħ jew it-tneħħija tas-saqaf u ħajt jew ħitan li jkunu jiffurmaw dik il-binja, kamra ġewwa binja, jew struttura;"

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Skeda 2" għandhom jidħlu il-kliem "Skeda 1".

Jemenda Skeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**5.** Skeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok it-tabella tat-tariffi tagħha, għandha tidħol it-tabella tat-tariffi li ġejja:

| Żvilupp | DPF | | Drenaġġ | | Triq | | Ħlas Ambjentali | | Massimu | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rata (€) | | Rata (€) | | Rata (€) | | Rata (€) | | Rata (€) | |
| | Kull $m^2$ | Għal Kull Unita | Kull $m^2$ | Għal Kull Unita | Kull $m^2$ | Għal Kull Unita | Kull $m^2$ | Għal Kull Unita | DPF | Ħlas Ambjentali |
| Reklami | 104.12 | - | - | - | - | - | 10.00 | - | - | - |
| Agrikoltura | 0.96 | - | 1.98 | - | 0.94 | - | 0.05 | - | - | - |
| *Boathouse* għal Sajjied Reġistrat | 2.08 | - | 3.29 | - | 1.88 | - | 0.20 | - | - | - |
| Bungalow | 11.90 | - | 5.60 | - | 2.80 | - | 0.12 | - | - | - |
| Bidla ta' użu Mhux ghal Residenzjali | 9.07 | - | - | - | - | - | 0.80 | - | 25,000[1] | 2,000[1] |
| Żvilupp Kummerċjali (inklużi estenzjonijiet) | 9.07 | - | 5.97 | - | 3.22 | - | 0.80 | - | - | - |
| Rimi ta' Skart tal-Bini u Demolizzjoni | 1.42 | - | - | - | - | - | 0.30 | - | 15,000 | 3,000 |
| Xogħlijiet ta' Inġinerija | 0.57 | - | - | - | - | - | 0.30 | - | 40,000 | 13,000 |
| *Brief* dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp/Applikazzjoni *Outline* - Bini Normali | 0.42 | - | - | - | - | - | - | - | 55,000 | - |
| Film Set | 2.12 | - | - | - | - | - | 0.15 | - | - | - |
| *Flat / Terraced House / Maisonette* | 1.24 | - | 3.08 | - | 1.68 | - | 0.12 | - | - | - |
| Garaxxijiet anċillari ma użi oħra fuq is-sit | 1.24 | - | 3.08 | - | 1.68 | - | 0.12 | - | - | - |
| Serra | 0.69 | - | - | - | - | - | 0.05 | - | - | - |
| Reklamazzjoni ta' Art għall-Agrikoltura | 0.71 | - | - | - | - | - | 0.10 | - | 6,000 | 1,000 |
| Razzett tal-bhejjem | 0.96 | - | - | - | 0.94 | - | 0.05 | - | - | - |
| Garaxxijiet Oħrajn | 5.95 | - | 3.29 | - | 1.88 | - | 0.10 | - | - | - |
| *Penthouse* | 13.02 | - | 12.69 | - | 5.17 | - | 0.12 | - | - | - |
| Impjant u Makkinarju | 0.57 | - | - | - | - | - | 0.30 | - | 25,000 | 13,000 |
| Parkeġġ Pubbliku | 6.35 | - | 5.97 | - | 3.22 | - | 0.80 | - | - | - |
| Barriera (Ġdida / Estensjoni orizzontali) | 1.28 | - | - | - | 0.47 | - | 0.30 | - | 40,000 | 13,000 |
| Soċjali /Kulturali/Sport/Edukattiv/ ċaqlieq meħtieġ (Ġdid/ Bdil fl-Użu) | 5.50 | - | 3.00 | - | 1.70 | - | 0.12 | - | 40,000 | 2,000 |
| Struttura Temporanja /Użu temporanju tal-Art | 2.12 | - | - | - | - | - | 0.15 | - | - | - |
| Villa (*Semi / Fully Detached*) / Razzett | 7.29 | - | 5.60 | - | 2.80 | - | 0.12 | - | - | - |
| Rimi ta' Skart | 1.42 | - | - | - | - | - | 0.30 | - | 25,000 | 5,000 |
| Satellita fuq 2m dijametru jew antenni ta' telekomunikazzjoni | - | 150.00 | - | - | - | - | - | 5.00 | - | - |
| Żviluppi oħra mhux speċifikati | - | 150.00 | - | - | - | - | - | 5.00 | - | - |
| *Vending Machine* | - | 150.00 | - | - | - | - | - | 10.00 | - | - |
| Massimu *Overall* | | | | | | | | | 1,000,000 | 100,000 |

[1] Biss fejn il-bdil fl-użu jinkludi l-użu ta' l-art

| Żvilupp | DPF | Drenaġġ | Triq | Ħlas Ambjentali |
|---|---|---|---|---|
| | Rata (€) | Rata (€) | Rata (€) | Rata (€) |
| | Kull Applikazzjoni | Kull $m^2$ | Kull $m^2$ | Kull Applikazzjoni |
| Korrezzjoni ta' sit, Talba għal reviżjoni tas-CPPS | 150.00 | - | - | - |
| *Brief* dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp / Applikazzjoni *Outline*–Bini Speċjali / Użi | 212.49 | - | - | - |
| Estensjonijiet għal residenzi, alterazzjonijiet, t-Tiġdid, Applikazzjoni Emendata u Emendi Minuri | 150.00 | - | - | 25.00 |
| Barriera–Estensjoni Vertikali | 1,487.43 | - | - | 120.00 |
| Bini Speċjali jew użi | 148.74 | 3.29 | 1.88 | 15.00 |

| Twaqqiegħ ta' bini jew Strutturi | DPF | Ħlas Ambjentali |
|---|---|---|
| | Rata (€) | Rata (€) |
| Sa 30 $m^2$ | - | - |
| Minn 31 $m^2$ sa 100 $m^2$ | 400 Rata Waħda | 140 Rata Waħda Kull applikazzjoni |
| Minn 101 $m^2$ sa 300 $m^2$ | 1,000 Rata Waħda | - |
| Minn 301 $m^2$ sa 600 $m^2$ | 1,500 Rata Waħda | - |
| Minn 601 $m^2$ sa 1,000$m^2$ | 1,985 Rata Waħda | - |
| > 1,000$m^2$ | 1,985 għall-ewwek 1,000m2 il-bilanċ bil- 0.5 Kull m2 | - |

| Ħlas | Rata |
|---|---|
| Ċertifikati ta' Konformita` | €60.00 |
| Notifiki ta' Strutturi Perikolużi | € 60.00 |
| Notifika ta' Ordni ta' Żvilupp - Alterazzjonijiet | €60.00 |
| Notifika ta' Ordni ta' Żvilupp – Estensjonijiet/Żvilupp Ġdid | €120.00 |
| Applikazzjonijiet għall-Kontroll ta' l- Ippjanar kull 150m2 tas-sit jew parti minnha | €235.00 |

(b) fil-proviso mal-paragrafu (1) tagħha -

(i) minflok il-paragrafu 6 tiegħu għandu jidħol il-paragrafu li ġej:

"6. Għal żvilupp purament kummerċjali ġdid, jew fejn l-iżvilupp unikament ikun taħlita ta' żvilupp kummerċjali u żvilupp soċjali/kulturali/edukattiv/sportiv, l-*area* ta' l-art għandha titħallas bir-rata għal kull metru kwadru kif elenkati f'Skeda 1 u il-ħlas għal Permess għal Żvilupp u l-Ħlas Ambjentali għall-*area* tas-sit għandha tiġi kalkulata separatament bir-rata kummerċjali għal kull metru kwadru; kull area tas-sit li tkun qegħda tiġi miżjuda minħabba l-estenzjonijiet proposti għandha wkoll hekk titħallas separatament;";

(ii) minflok il-paragrafu 10 tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"10. (1) Ir-rata li tirregola il-Bidla ta' Użu għal Mhux Residenzjali ser tiġi applikata biss:

(a) fil-każ meta l-permess li jkopri l-iżvilupp li hu s-soġġett ta' l-applikazzjoni għall-bdil fl-użu jkun għadu validu, l-iżvilupp li hu s-soġġett ta' l-applikazzjoni jkun kopert minn ċertifikat ta' konformità;

jew

(b) fil-każ meta l-permess li jkopri l-iżvilupp li hu s-soġġett ta' l-applikazzjoni għall-bdil fl-użu jkun skada, l-iżvilupp li hu s-soġġett ta' l-applikazzjoni għall-bdil ta' l-użu jkun sar skond permess li jkun hemm fuq is-sit, jew ikun tlesta u l-bini jkun jidher kif kien fis-sena 1968.

(2) Meta żvilupp residenzjali jinkludi estenzjoni ta' area li tkun iżjed minn $20m^2$, fejn ikun il-każ, ir-rata għall-Estenzjonijiet għal Residenzi għandha titħallas biex skopri $20m^2$ ta' l-area li tkun qegħda tiġi estiża, u kull area li teċċedi l- $20m^2$ għandha titħallas skond ir-rata ta'

kull metru kwadru li tapplika għat-tip ta' residenza li tkun qegħda tiġi estiża.

(3) Meta l-iżvilupp ikun jikkonsisti f'estenzjoni ta' żvilupp kummerċjali li ma jkunx jinvolvi żjieda ta' l-area tas-sit ta' l-iżvilupp oriġinali, ir-rata li titħallas għall-alterazzjonijiet għal żvilupp kummerċjali għandha tkopri wkoll estenzjonijiet sa 15m². Estenzjonijiet akbar minn 15m² għandhom jitħallsu bir-rata kummerċjali, apparti r-rata għal alterazzjonijiet.

(4) Meta l-proposta tkun li jkun hemm twaqqiegħ ta' izjed minn 75% ta' unità eżistenti , u l-proposta tkun tinkludi wkoll il-kostruzzjoni ta' bini jew strutturi ġodda fuq is-sit, dak l-iżvilupp m'għandux jitqies bħala estenzjoni tal-parti tal-bini jew struttura li tkun ser tinżamm, iżda għandu jitħallas bir-rata ta' unità ġdida skond it-tip ta' żvilupp li jkun qiegħed jiġi propost.

(5) Il-bdil ta' użu għal wieħed residenzjali għandu jitħallas bl-istess rata li tkun tapplika għall-kostruzzjoni ta' dak l-iżvilupp residenzjali ġdid.

(6) Meta jkun hemm proposta ta' qasma ta' unità residenzjali eżistenti, u fejn ikunu tħallsu r-rati skond ir-Regolamenti ta' l-1996 dwar Rati ta' Taxxi dwar Bini, ir-rata li tkun tapplika għat-tip ta' unità għandha tinħadem fuq l-iżgħar unità oriġinata.";

(iii) fil-paragrafi 17, 18 u 19 tiegħu, minflok il-kliem "Dipartiment", "dipartiment" u "dak id-Dipartiment" kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "Entità jew Awtorità Regolatorja", "entità jew awtorità regolatorja" u "dik l-entità jew awtorità regolatorja" rispettivament; u

(iv) minnufih wara il-paragrafu 23 tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"24. Meta jkun hemm applikazzjoni, li dwarha l-Ħlas għal-Permess għal Żvilupp u l-Ħlas Ambjentali li jkun tħallas ikun iżjed minn 2,000

euro, tiġi rtirata qabel ma jkun hemm deċiżjoni dwarha u tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni ġdida mill-istess applikant fuq l-istess sit fi żmien 3 xhur mid-data ta' meta tkun saret it-talba sabiex l-applikazzjoni oriġinali tiġi irtirata, 40% mill-Ħlas għal-Permess għal Żvilupp u l-Ħlas Ambjentali li jkun tħallas fl-applikazzjoni oriġinali għandu jitnaqqas mill-ħlasijiet dovuti għall-applikazzjoni l-ġdida.".

**L.N. 48 of 2011**

**ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)**

**Development Planning (Fees) (Amendment) Regulations, 2011**

BY VIRTUE of the powers conferred by articles 60, 61, 79 and 80 of the Environment and Development Planning Act, the Prime Minister and the Malta Environment and Planning Authority, with the concurrence of the Minister of Finance, the Economy and Investment, have made the following regulations:-

Title.

**1.** (a) The title of these regulations is the Development Planning (Fees) (Amendment) Regulations, 2011, and they shall be read and construed as one with the Development Planning (Fees) Regulations, 2010, hereinafter referred to as "the principal regulations".

L.N. 356 of 2010.

(b) These regulations shall be deemed to have come into force on the 16th July, 2010.

Amends regulation 1 of the principal regulations.

**2.** Sub-regulation (2) of regulation 1 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) in paragraph (c) thereof, the words "within 30 calendar days from date of issue of the bill" shall be substituted with the words "by the 28th February 2011"; and

(b) in paragraph (d) thereof, the words "within 30 calendar days from date of the coming into force of these regulations" shall be substituted with the words "by the 28th February 2011".

Amends regulation 2 of the principal regulations.

**3.** Regulation 2 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) for the definition "demolition of a building" there shall be substituted the following:

" "demolition of a building or structure" means the pulling down or removal of the roof and any wall forming such building, room within a building, or structure;";

(b) immediately after the definition “extension” there shall be added the following new definition:

“ “farmhouse” means a single family dwelling used for habitation by a registered farmer;”;

(c) for the definition “floor area” there shall be substituted the following:

“ “floor area” means:

(a) for residential purposes, the amount of floor area within a building determined by the external measurements of the building, that includes the thickness of the external walls and half the thickness of dividing or party walls, and includes: any projecting rooms, staircases, lifts, shafts, internal yards, verandahs, open terraces, balconies, within the building footprint at each level; washrooms; terraces formed at roof level when these belong to penthouses or to any roof structure exceeding $36m^2$ (excluding washrooms serving multiple flats); back yards, back gardens, front gardens, estate or plot gardens, self-imposed setbacks, at the lower level; and other structures within the site boundaries; unless otherwise specifically set out within these regulations; and

(b) for non residential purposes, the amount of floor area within the site boundaries determined by the external measurements of the building, that includes the thickness of the external walls and half the thickness of dividing or party walls, and includes: any projecting rooms, staircases, lifts, shafts, internal yards, verandahs, open terraces, within the building footprint at each level; plant facilities; terraces formed at roof level occupied by structures exceeding $36m^2$ (excluding plant facilities); balconies; canopies and other spaces, including open spaces, used for commercial purposes:

Provided that the void left in an intermediate level is not to be included in the calculation of floor area:

Provided further that an internal yard shall not be included in the calculation of floor area at the upper level, when its size exceeds the area set out in the following table:

| **No. of floors** | **Area** |
|---|---|
| 1 | $8m^2$ |
| 2 | $8m^2$ |
| 3 | $9.6m^2$ |
| 4 | $11.2m^2$ |
| 5 | $12.8m^2$ |
| Additional floors | 8 + [(No. of floors – 2) x 1.6];"; |

(d) immediately after the definition "special building" there shall be added the following new definition:

"'social / cultural / sports / educational/ forced relocation category" means and is limited to developments concerning:

(a) hospitals/nursing homes;

(b) residential institutions;

(c) places in connection with public worship or religious instruction or the social or recreational activities of a religious body;

(d) educational institutions;

(e) museums;

(f) public libraries;

(g) social clubs / societies premises (not including any Class 6 uses bars, restaurant);

(h) structures housing sports facilities, or amenities thereto, excluding class 6 uses, which do not form part of a commercial development, where the applicant is a local council, the

Kunsill Malti ghall-iSport or an entity duly registered with the Kunsill Malti ghall-iSport; or

(i) development which is required to relocate by an order of Government or a government agency or entitiy;".

**4.** In regulation 4 of the principal regulations, instead of the words "Schedule 2" there shall be substituted the words "Schedule 1".

Amends regulation 4 of the principal regulations.

**5.** Schedule 1 of the principal regulations shall be amended as follows:

Amends Schedule 1 to the principal regulations.

(a) in paragraph 1 thereof, the tables of fees shall be substituted with the following new table of fees:

| Development | DPF | | Sewer | | Street | | Environment Fee | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rate (€) | | Rate (€) | | Rate (€) | | Rate (€) | |
| | Per $m^2$ | Per Unit | Per $m^2$ | Per Unit | Per $m^2$ | Per Unit | Per $m^2$ | Per Unit |
| Advertisements | 104.12 | - | - | - | - | - | 10.00 | - |
| Agriculture | 0.96 | - | 1.98 | - | 0.94 | - | 0.05 | - |
| Boathouse For Registered Fisherman | 2.08 | - | 3.29 | - | 1.88 | - | 0.20 | - |
| Bungalow | 11.90 | - | 5.60 | - | 2.80 | - | 0.12 | - |
| Change Of Use To Non Residential | 9.07 | - | - | - | - | - | 0.80 | - |
| Commercial Building (including extensions) | 9.07 | - | 5.97 | - | 3.22 | - | 0.80 | - |
| Disposal of Construction & Demolition Waste | 1.42 | - | - | - | - | - | 0.30 | - |
| Engineering Operations | 0.57 | - | - | - | - | - | 0.30 | - |
| Env. & Dev. Brief / Outline Applications - Normal Buildings | 0.42 | - | - | - | - | - | - | - |
| Film Set | 2.12 | - | - | - | - | - | 0.15 | - |
| Flat / Terraced House / Maisonette | 1.24 | - | 3.08 | - | 1.68 | - | 0.12 | - |
| Garages ancillary to other uses on site | 1.24 | - | 3.08 | - | 1.68 | - | 0.12 | - |
| Greenhouse | 0.69 | - | - | - | - | - | 0.05 | - |
| Land Reclamation for Agriculture | 0.71 | - | - | - | - | - | 0.10 | - |
| Livestock Farm Building | 0.96 | - | - | - | 0.94 | - | 0.05 | - |
| Other garages | 5.95 | - | 3.29 | - | 1.88 | - | 0.10 | - |
| Penthouse | 13.02 | - | 12.69 | - | 5.17 | - | 0.12 | - |
| Plant and Machinery | 0.57 | - | - | - | - | - | 0.30 | - |
| Public Car Park | 6.35 | - | 5.97 | - | 3.22 | - | 0.80 | - |
| Quarry (New / Horizontal Extension) | 1.28 | - | - | - | 0.47 | - | 0.30 | - |
| Social / Cultural / Sports / Educational/Forced Relocation (New / Change of use) | 5.50 | - | 3.00 | - | 1.70 | - | 0.12 | - |
| Temporary Structure / Use Of Land | 2.12 | - | - | - | - | - | 0.15 | - |
| Villa (Semi / Fully Detached -2 dwelling units) / Farmhouse | 7.29 | - | 5.60 | - | 2.80 | - | 0.12 | - |
| Waste Disposal | 1.42 | - | - | - | - | - | 0.30 | - |
| Satellite dishes above 2m diameter or telecommunication antennae | - | 150.00 | - | - | - | - | - | 5.00 |
| Other development not otherwise specified | - | 150.00 | - | - | - | - | - | 5.00 |
| Vending Machine | - | 150.00 | - | - | - | - | - | 10.00 |
| Overall Application Capping | | | | | | | | |

(1) Only where the change of use solely involves the use of land

| Development | DPF | Sewer | Street | Environment Fee |
|---|---|---|---|---|
| | Rate (€) | Rate (€) | Rate (€) | Rate (€) |
| | Per Application | Per $m^2$ | Per $m^2$ | Per Application |
| Correction Of Site, CPPS Request | 150.00 | - | - | - |
| Env. & Dev. Brief / Outline applications - Special Buildings / Uses | 212.49 | - | - | - |
| Extensions to dwellings, Alterations, Renewal, Amended Applications & Minor Amendments | 150.00 | - | - | 25.00 |
| Quarry - Vertical Extension | 1,487.43 | - | - | 120.00 |
| Special Buildings or Uses | 148.74 | 3.29 | 1.88 | 15.00 |

| Demolition of Building or Structures | DPF | Environment Fee |
|---|---|---|
| | Rate (€) | Rate (€) |
| Up to 30 $m^2$ | - | - |
| From 31 $m^2$ to 100 $m^2$ | 400 flat rate | 140 flat rate per application |
| From 101 $m^2$ to 300 $m^2$ | 1,000 flat rate | - |
| From 301 $m^2$ to 600 $m^2$ | 1,500 flat rate | - |
| From 601 $m^2$ to 1,000$m^2$ | 1,985 flat rate | - |
| > 1,000$m^2$ | 1,985 for first 1,000m2 Remainder at 0.5 per m2 | - |

| Fee | Rate |
|---|---|
| Compliance Certificates | €60.00 |
| Dangerous Structure Notifications | € 60.00 |
| Development Notification Orders - Alterations | €60.00 |
| Development Notification Orders - Extensions / New development | €120.00 |
| Planning Control Applications per 150m2 of site or part thereof | €235.00 |

(b) in the proviso to paragraph (1) thereof -

(i) paragraph 6 thereof shall be substituted with the following:

"6. For new purely commercial development, or where the development is solely a mix of commercial and social/cultural/educational/sports, the floor area shall be charged at the rate per square meter as listed in Schedule 1 and the Development Permit Fee and Environment Fee for the site area shall be charged separately at the commercial rate per meter square; any site area being increased in relation to proposed extensions would also be so charged separately;";

(ii) paragraph 10 thereof shall be substituted with the following:

"10. (1) The rate regulating the Change of Use to Non Residential will only be applied:

(a) in the case where the permission covering the development subject of the application for change of use is still valid, the development subject of the application for change of use is covered by a compliance certificate;

or

(b) in the case where the permission covering the development subject of the application for change of use has expired, the development subject of the application for change of use is completed in accordance with the permission on site, or is completed and the building shows as existing as at 1968.

(2) When a residential development includes an extension having an area exceeding $20m^2$, where applicable, the rate for Extensions to Dwellings, shall be charged to cover $20m^2$ of the area being extended, and any area in excess of $20m^3$ shall be

calculated at the applicable rate per square metre applicable to the type of dwelling being extended.

(3) Where the development consists of an extension to a commercial development which does not bring about an increase in the site area of the original development, the rate regulating alterations to commercial development shall also cover extensions up to 15m$^2$. Extensions larger than 15m$^2$ are to be calculated at the commercial rate, over and above the rate for alterations.

(4) When more than 75% of an existing unit is proposed to be demolished and the construction of new buildings or structures on site is also proposed, the resulting development shall not be considered as an extension to the part of the building or structure being retained, but shall be charged at the rate for a new unit applicable to the type of development being proposed.

(5) Change of use into residential is to be calculated using the same rate applied for the construction of the relevant new residential development.

(6) When the subdivision of an existing residential unit, relative to which fees were paid in accordance with the Building Levy Rates, Regulations, 1996, is proposed, the applicable rate for the unit type is to be charged in relation to the smallest created unit."; L.N. 112 of 1996.

(iii) in paragraphs 17, 18 and 19 thereof, the word "department" wherever it may occur, shall be substituted with the words "entity or regulatory authority"; and

(iv) immediately after paragraph 23 thereof, there shall be added the following new paragraph:

"24. When an application, relative to which a Development Permit Fee and Environment Fee in excess of 2,000 euro was required and paid, is withdrawn prior to it being decided and a new application is submitted by the same applicant

on the same site within 3 months from the date of submission of the request for withdrawal of the original application, 40% of the Development Permit Fee and Environment Fee paid in the original application shall be deducted from the fees due in relation to the new application.".

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata —** ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.84**